MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 722/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Simon Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Simon Zammit ta' 41 sena bin il-mejjet Alfonso u Maria Assunta nee' Bajada imwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu 1967 u residenti l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 140367(M).

Akkuzat:

1. Talli f'Mejju 2008, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija GO p.l.c. ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Akkuzat ukoll talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 28A *et sequitur* billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 09.06.2004;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali tat-8 t'Awwissu, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggzzjoni li din il-kawza tigi hekk deciza u trattata.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokument ezebiti.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2010 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li kien gie nfurmat mill-GO p.l.c. illi l-imputat kien hallashom l-ammonti kollha dovuti lilhom u li huma l-mertu tal-kawza odjerna.

Rat illi fl-istess seduta l-imputat iddikjara li qed jammetti l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.[1]

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Ikkunsidrat:

In vista tal-provi prodotti kif ukoll tal-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Pero din l-ammissjoni tal-imputat ma tistax titqies li hija wahda bikrija meta wiehed iqis li din l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni kienet resqet ammont sostanzjali ta' provi. Ghalhekk, l-imputat xorta hela l-hin u r-rizorsi tal-pulizija u tal-Qorti, u m'ghandux jibbenifika minn xi riduzzjoni fil-piena ghal din l-ammissjoni.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkoopera mal-pulizija u li fil-mori ta' dawn il-proceduri, huwa hallas lill-parti leza, is-socjeta GO p.l.c. l-ammont lilha dovut ta' €856.91.

Pero, ir-reati li taghhom l-imputat huwa hati huma serji, stante li l-imputat uza fotokopja tal-Karta tal-Identita ta' neputih Conrad Zammit, li l-istess neputih kien tah in *buona fede*, biex applika ghal zewg servizzi tat-telefon tal-linja ghalih fissa minghand is-socjeta GO p.l.c. f'isem neputih u ffalsifika l-

[1] (fol 64 tal-process)

firma tal-istess neputih, fuq l-applikazzjoni. Ovvjament il-kontijiet ta’ dawn iz-zewg servizzi tat-telefon bdew jintbaghtu ghand neputih.

Pero ghal fini ta’ pieni, il-Qorti sejra tikkunsidra r-reati ta’ frodi b’eghmil qarrieqi u falsifikazzjoni ta’ skrittura kummercjali bhala assorbiti fir-reat ta’ uzu xjenti ta’ dokument falz, stante li dawn ir-reati servew bhala mezz ghal fini ta’ dan l-ahhar reat, u dan ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

In oltre, l-imputat ammetta li kiser sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn kien instab hati tar-reat kontinwat ta' approprjazzjoni indebita ta' flus fdati lilu bl-obbligu li jsir uzu specifikat minnhom minhabba l-kariga jew servizz tieghu u fejn gie sentenzjat ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija sospiza ghall-erba’ (4) snin.

Fil-fatt mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa ghandu erbatax (14)-il kundanna minn dawn il-Qrati. Mill-fedina penali jirrizulta li, apparti din il-kundanna ghal sentenza ta' prigunerija sospiza, hu kien instab hati ta' tentattiv ta' serq aggravat u ta' serq kwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1000, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, li ghalihom gie sentenzjat ghal hames xhur prigunerija; ta' diversi reati kontra l-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kif ukoll ta' reati li ma hallasx ammonti dovuti lill-impjegati tas-socjeta' Island Turnkey Company Limited, il-Qorti tal-Appell sabitu hati ta’ hmistax (15)-il imputazzjoni ta’ frodi b’eghmil qarrieqi u/jew misapproprjazzjoni u gie ikkundannat sentejn prigunerija, u tlett kundanni ohra li kienu jinvolvu r-reati ta’ frodi b’eghmil qarrieqi, falsifikazzjoni u misapproprjazzjoni.

Din il-karriera kriminali xejn felici tal-imputat, u n-natura tal-imputazzjonijiet odjerni juru b’mod car li l-imputat qed juza *a system of conduct* uniformi, biex, bl-inqas tahbit possibbli, jakkwista b’mod illegali somom ta' flus minn ghand diversi nies taht diversi pretesti. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel mas-suggeriment tal-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-piena ghandha tkun li s-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti fid-9 ta’ Gunju 2004 tigi estiza, stante li tali piena hija miti wisq fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija effettiva.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-9 ta' Gunju 2004 tigi reza operattiva.

B'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' disa' u tletin (39) xhar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------